# INFORMATION SHEET

**IKUN IMFAĦĦAR ĠESÙ KRISTU!**

**AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA**
**ISTITUT KATTOLIKU**
**FLORIANA FRN 1441**
**TEL: 21 222239/21 237031**
**Website: www.akmalta.org**
**Email: infosheet@akmalta.org**

**ĠUNJU 2010** **NUMRU 255**

## MADWARNA

**Festa Sta Katerina ta' Siena -** Il-Fergħa Nisa ċċelebrat il-festa annwali tal-patruna tagħha Sta Katerina ta' Siena. Bħal dejjem l-organizzazzjoni kienet tajba ħafna, fejn minbarra l-aspett spiritwali jkun hemm dak soċjali wkoll.
Spikkat ħafna l-offerta ġeneruża ta' ħaxix u frott frisk li ċ-ċirkoli tellgħu waqt l-offertorju, kwantita' kbira ta' kannestri mimlija li ngħataw lid-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar u d-Dar tal-Providenza, Siggiewi. Prosit lil kulħadd!

**Qalb kbira -** Iċ-ċirkoli tan-nisa komplew juru l-qalb kbira tagħhom b'diversi għotjiet ġenerużi. Grazzi kbira tmur liċ-Ċirkoli tan-Naxxar għall-għotja eċċezzjonali ta' 500 ewro, Mellieħa 20 ewro, Mosta 100 ewro, Kirkop 50 ewro, Mgarr 150 ewro, San Ġiljan 30 ewro, Żebbug u Qormi San Ġorġ bejniethom taw 117 ewro minn attivita' li organizzaw flimkien. Grazzi ħafna, ħafna u napprezzaw kull għotja, nafu kemm mill-ftit tagħkom qed tagħtu ħafna.

**Quddiesa għal ruħ Mons Mikiel Azzopardi -** Dawk kollha li kienu preżenti naħseb jaqblu miegħi kemm kienet esperjenza sabiħa ċ-ċelebrazzjoni li għamilna flimkien mal-morda fil-Kappella tad-Dar tal-Providenza għal ruħ Dun Mikiel Azzopardi.
Aħna lqajna l-istedina li għamlilna d-direttur Fr. Martin Micallef biex din tibda ssir attivita' ta' kull sena u għalhekk se titniżżel fil-kalendarju tagħna.

**Konferenza FIAC -** L-AKM kienet rappreżentata minn Marvic Debono, Viċi-President Ġenerali u Adrian Leone Ganado, Segretarju Ġenerali, li attendew għall-Konferenza Kontinentali Ewropea-Mediterranja tal-FIAC (Federazzjoni Internazzjonali tal-Azzjoni Kattolika) li saret fil-Polonja. It-tema kienet ibbażata fuq l-erba' kelmiet: ħobż, ħajja, paċi u liberta'.

**Jum Dinji taż-Żgħażagħ -** Is-sezzjoni taż-żgħażagħ tal-FIAC qed tinkkoraġġixxi liż-żgħażagħ jibdew jitħejjew spiritwalment għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li se ssir f'Madrid is-sena d-dieħla mis-16 sal-21 t'Awwissu 2011. Qed tissuġġerixxi li mill-Pentecoste 2010 sa Lulju 2011 jaqsmu flimkien siltiet ta' talb, issir meditazzjoni fuq silta mill-Evanġelju skont iż-żmien Liturġiku u riflessjoni dwar ix-xhieda ta' Beati żgħażagħ li kienu membri tal-Azzjoni Kattolika fi triqthom għall-qdusija. L-ewwel wieħed se ikun Pier Giorgio Frassati.

**WUCWO Day -** In-nisa flimkien ma' nisa kattoliċi oħra madwar id-dinja kollha iċċelebraw il-Jum Dinji tat-Talb għan-Nisa Kattoliċi - WUCWO Day. It-tema kienet 'Nibnu Kultura ta' Paċi'.
**NOTA:** Jekk xi ħadd tilef xi ħaġa dak inhar taċ-ċelebrazzjoni ikellimni għax wara l-Quddiesa nstabet xi ħaġa li tista' tkun ta' xi ħadd mill-membri tal-AKM.

Carmen Agius
President Ġenerali

**SEGRETARJAT GĦAL-LAJĊI**

***Seminar għal-lajċi kollha***

**"IS-SAĊERDOT U L-LAJK: KOLLABORAZZJONI U KORRESPONSABILITA' "**

**Il-Ħamis u l-Ġimgħa 3 u 4 ta' Ġunju 2010**
mis-6.30 - 8.30 p.m.
Gattard House
Blata l-Bajda

Presedut minn Mons Arċisqof Pawlu Cremona OP

Inħeġġu l-Kulħadd biex jattendi

# Ħinijiet Tas-Sajf fl-Istitut Kattoliku:

i. Mil-1 sal-31 ta' Lulju 2010 mit-8.30 a.m. sas-7.00 p.m.
ii. Mill-1 sal-31 ta' Awwissu 2010 mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m.
iii. Mill-1 ta' Settembru 'l quddiem mit-8.30 a.m. sad-9.00 p.m.

Ċenaklu għad-Diriġenti kollha
Minn Fr Paul Chetcuti S.J.
Nhar is-Sibt 19 ta' Ġunju 2010
St. Joseph Retreat House, Rabat

**Fergħa Xebbiet Adulti** –
Ġunju huwa ix-xahar tal-Qalb ta' Ġesu' u l-Ewkaristija. Inħeġġu lill-membri kollha biex jieħdu sehem fil-Purċissjonijiet Ewkaristiċi li jsiru fil-Parroċċa.

--------------------

## Attivitajiet għax-Xahar ta' ĠUNJU 2010

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 3 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali - Membri tal-Kunsill, fid-9.30 a.m. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |
| Il-Ġimgħa 4 | Fergħa Nisa | Ħarġa għal Għawdex tar-Romol |
| Is-Sibt 5 sal-Ħadd 6 | Gruppi Koppji Miżżewġin | Weekend Break<br>Fejn :- fid-Dar Marija Ewkaristika, Żebbuġ<br>Meta :- Bejn is-Sibt 5 sal-Hadd 6 f'nofs in-nhar<br>Imexxi :- Father William Bartolo OFM.<br>Dawk il-koppji li se jorqdu hemm se jkunu fuq bażi<br>*First come first served.* Għal dawk il-koppji li għal xi<br>Raġuni ma jistgħux jorqdu hemm jistgħu jattendu<br>Matul il-ġurnata tas-Sibt u għan-nofs ta' nhar tal-Ħadd |
| Il-Ħadd 6 | Ż.A.K. | Car Wash organizzata minn Ż.A.K Mosta |
| L-Erbgħa 9 | Kummissjoni Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-6.00 p.m.<br>Istitut Kattoliku,Floriana |
| Il-Ħamis 10 | Direttorju | Laqgħa tad-Direttorju fis-6.00p.m. fl-Istitut Kattoliku, Floriana |
| Is-Sibt 12 | Kummissjoni Ħidma Morda | Festa tar-Redentur fis-6.00 p.m. l-Isla |
| Il-Ħadd 13 | Ż.A.K | Support Group<br>Car Boot Sale – Fundraising event għal grupp<br>Li sejjer volontarjat fil-Palestina |
| L-Erbgħa 16 | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva fis-Sala Dandria - 9.30am |
| Il-Ħamis 17 | Fergħa Xebbiet | Attivita' - Pizza/Pasta - Il-Veduta, Rabat<br>Aktar dettalji f'ċirkulari |
| Is-Sibt 19 | Diriġenti Kollha | Ċenaklu minn Fr. Paul Chetcuti - 6.00pm<br>St Joseph's Retreat House, Rabat |
| It-Tnejn 21 | Fergħa Rġiel | Kunsill fis-6.00 p.m. Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ħamis 24 | Kunsill Ġenerali | Laqgħa Ġenerali fis-6.00 p.m. |
| Is-Sibt 26 u l-Ħadd 27 | Ż.A.K | Jibdew il-preparazzjonijiet u armar fl-iskola tax-Xgħajra għall-attivitajiet tas-Sajf. |
| Il-Ħadd 27 | Ż.A.K | Car Wash organizzata minn Ż.A.K Mosta<br>Le Tour De Ż.A.K – attivita' bir-roti organizzata minn Ż.A.K Ibraġ |
| Il-Ħamis 1 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |

**KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITA'**

***SOLIDARJETA'*** Il- Programm 'Solidarjeta' li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' Ġunju jixxandar f''dawn id-dati :- 6, 13, 20 u 27 fis-7.15p.m.

# LAQGĦA ĠENERALI

# IL-ĦAMIS, 24 TA' ĠUNJU 2010

## MIS-6.00 P.M. SAT- 8.00 P.M.

## SALA MONS GONZI – ISTITUT KATTOLIKU FLORIANA

Nistiednu liIl-membri kollha ta':

Id-Direttorju Ġenerali
l-Kunsilli Ċentrali,
Tim Nazzjonali ŻAK
l-Kummissjoniiet u
l-President u żewġ membri tal- kumitati taċ-cirkoli
għall-Laqgħa Ġenerali.

Din il-Laqgħa Ġenerali hi importanti ħafna għal min imexxi, għaldaqstant kulħadd għandu jħoss l-obbligu li jattendi u jagħti s-sehem tiegħu .

Carmen Agius
*President Ġenerali*

Rev Fr. Paul Chetcui
*Ass. Ekkleżjastiku Ġen.*

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA

### *Servizz bil-Minibuses*

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-komunita'

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta' ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

Il-Ħamis, 1 ta' Lulju 2010, Festa tal-Beatu Nazju Falzon,
Patrun tas-Segretarjat Assistenza Soċjali

*SAN MIKIEL TAL-QADDISIN KOLLHA, PATRUN TAL-MORDA BIL-KANĊER*
*SOLIDARJETA' FIT-TALB MA' ĦUTNA MORDA BIL-KANĊER*
*QUDDIESA, IL-ĠIMGĦA, 2 TA' LULJU 2010 FIS-6.30 P.M.*

Il-Membri kollha tal-Azzjoni Kattolika huma mistiedna għal din il-Quddiesa fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt, biex nitolbu għall-morda bil-Kanċer u l-familjari tagħhom.



### GĦAJNUNA FIL-MANUTENZJONI

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd u fl-aħħar wasal biex jibda x-xogħol fuq il-PABX il-ġdida. Wara l-appell li għamlet il-President Ġenerali waqt l-iskola tal-appostolat irċevejna xi donazzjonijiet u għalhekk għandna parti kbira mill-ispiża miġbura, grazzi mill-qalb tal-għajnuna. Din id-darba qed nitolbu għajnuna differenti, ftit ħin minn tagħkom għaliex qabel jibda x-xogħol fuq il-PABX se jkollna nagħmlu xi bdil fis-sistema tal-elettriku, minħabba li l-impjant huwa xi ftit antik u dan l-aħħar kellna xi problemi. Għalhekk qed nippruvaw biex qabel inqabbdu lil xi ħadd professjonali naraw jekk hux possibbli li nagħmlu xi xogħol aħna. Qed inħeggu lil membri tagħna biex min jista' jagħti ftit mill-ħin tiegħu f'dan il-proġett huwa mitlub li jew jibgħat email fuq akmammg@gmail.com; infosheet@akmalta.org jew jikkuntatja lis-Segreterija fuq 21 222239 u jħalli d-dettalji tiegħu. Aħna persważi li se jkollna rispons tajjeb u grazzi minn qabel lil kulħadd tal-għajnuna.



Natalie Farrugia
Amministratur Ġenerali





Għandek okkażjoni u trid tagħti rigal b'differenza?

Mela asal wasla sal-Librerija tal-Azzjoni Kattolika l-Floriana

Wieħed isib:



Varjeta' ta' rigali għall-Ewwel Tqarbina, kif ukoll kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għal kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi u ħafna affarijiet ohra. Issibu ukoll servizz ta' 'binding'. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.







Hinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa – mid-9.00 sa nofsinhar u mill-16.00 sas 19.30 u s-sibt filgħodu biss.

Tel: 21 237031




Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti riġal mill-qalb tkun qed tgħin lill-Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.



# OFFERTA SPECJALI

**Agħzel 5 kartolini għall-prezz ta'**

**EUR 1.00**



# KUMMISSJONI FUND-RAISING

Ikla / Buffet fil-Lukanda Canifor, Triq in-Nakkri, Qawra,

Il-Ħadd 20 ta' Ġunju 2010 Ħin : 12.30 p.m għas -1.00p.m.

Għal l-aħħar laqgħa tagħna ta' din is-sena soċjali ddeċidejna li nagħmlu l-aħħar ikla tal-istaġun f'din il-lukanda. Wara attivita' li diġa' konna għamilna f'din il-lukanda ħafna ħarġu sodisfatti bis-servizz, kwalita' u kwantita' ta' ikel tajjeb ħafna u għalhekk qalulna biex nerġgħu nagħmlu l-ikla hemmhekk.

Nisperaw li l-attendenza tkun kbira bħal tal-aħħar darba

.

**Antipasto**

*(Octopus, Clamari, Mussels, Meat Terrines and Pates, Meat Balls. Chicken Fritters, Onion Rings, Arancini, Rice Salad, Cold Pasta, Vegetable Salad, Tomatoes, Coleslaw, Haricot Beans, Cucumber, Lettuce, Olives)*

LASAGNA AL FORNO

PASTA CARBONARA

----------

Chicken Soup

Vegetable Soup

-------------

ROAST PORK with Apple Sauce (Carvery)

----------

Roast Beef with Horseradish Sauce (Carvery)

----------

Roast Turkey with Cranberry Sauce (Carvery)

---------

Poached Cerna Bon Assisi

----------

Vegetables in Season

Roast & Natural Potatoes

----------

Gateau Table

----------

Coffee

*1 Glass of Wine Or Soft Drink*

**Żmien għal kitba sal-Ħamis 17 ta' Ġunju 2010 fis-Segreterija tal-Azzjoni Kattolika fl-Istitut Kattoliku, Floriana, Tel :- 21222239. Permezz tagħkom il-membri, familjari u ħbieb qed nistennew attendenza numeruża. NARAWKOM.**

**Jekk jogħġbok għid ma' min tixtieq toqgħod fuq il-mejda.**

Prezz: Kbar €15 Tfal taħt it-tnax il-sena €7

Trasport Mrs Marie Bartolo - Tel: 21221931